**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**SEDE CIVILI**

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 16 TA’ FRAR 2001

Avviz numru 1813/99DM

Louise armla ta’ Carmelo Micallef u wliedha Josephine mart Frank Pullicino, Mary mart Frank Ciantar, Anna mart Sandro Camilleri, Lino, Lawrence, Tonio, u Eileen, xebba, ilkoll ahwa Micallef

vs

Mario u Emanuela konjugi Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lil-konvenuti iffissat jizgombraw mill-fond Flat 2, Eileen Flats, Balzan Valley, Balzan li l-konvenuti illum qedin jiddetjenu bla ebda titolu validu fil-ligi wara li fis-26 ta’ Novembru 1999 skada definittivament il-periodu enfitewtiku.

Ghall-fini ta’ kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur enfitewtiku tal-fond ma kienx jeccedi l-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Novembru 1999, u tal-ittra legali tal-20 ta’ April, 1998, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m’ghandiex il-kompetenza rationae materiae fuq il-mertu tal-kawza odjerna;

2 Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw li huma s-sidien tal-fond imsemmi fl-avviz odjern;

3 Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex minnu li l-konvenuti m'ghandhomx ebda titolu validu ai termini tal-ligi;

4 Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi, nonostante l-eccezzjonijiet sollevati, l-konvenuti, fil-provi taghhom ma vvantaw ebda titolu in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Huma llimitaw ruhhom biex jibbazaw ir-resistenza taghhom ghat-talba attrici esklussivament fuq il-fatt li ghadhom ma akkwistawx residenza alternattiva u dan ghandhu jigi nterpretat li huma kienu pronti li jirrilaxxjaw il-pussess jekk isibu fond iehor fejn jirrisjedu.

Ghalhekk fin-nuqqas ta ebda titolu validu oppost ghat-talba attrici, meta anke jirrizulta li l-konvenuti gew interpellati biex jirrilaxxjaw il-pussess anke b'ittra ufficjali tat-3 ta Novembru 1999, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant stante li l-eccezzjoni taghhom ma gietx sostnuta, tirrespingi l- istess eccezzjonijiet u tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jizgombraw mill-fond Flat 2, Eileen Flats, Balzan Valley, Balzan li illum huma qedin jiddetjenu bla ebda titolu validu fil-ligi wara li fis-26 ta' Novembru 1999 skada definittivament il-perjodu enfitewtiku, u ghall-fini tal-izgumbrament mill-istess konvenut tiffissa it-terminu sal-15 ta Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag. Dr. D. Montebello B A LLD